# Avviż dwar l-adattament f'konformità mal-inflazzjoni tal-ammonti stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

(2021/C 423/12)

Skont l-Artikolu 300 tad-Direttiva 2009/138/KE ([1]), l-ammonti espressi f'euro fid-Direttiva għandhom jiġu riveduti kull ħames snin, billi jiżdied l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali fl-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Istati Membri kollha, kif ippubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat) mill-31 ta' Diċembru 2015 sad-data tar-reviżjoni u arrotondati għal multiplu ta' EUR 100 000, sakemm il-bidla perċentwali ma tkunx inqas minn 5 %. Għalhekk, l-ewwel reviżjoni tal-ammonti għandha ssir filwaqt li titqies iż-żieda tal-Indiċi msemmi b'referenza għall-perjodu bejn l-31 ta' Diċembru 2015 u l-31 ta' Diċembru 2020.

Bħala riżultat tar-rieżami, l-ammonti riveduti huma dawn li ġejjin:

a) Fl-Artikolu 4(1), fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni minħabba d-daqs:

— fil-punt (a), EUR 5 miljun huma sostitwiti b'EUR 5 400 000;

— fil-punti (b) u (c), EUR 25 miljun huma sostitwiti b'EUR 26 600 000; u

— fil-punt (e), EUR 0,5 miljun huma sostitwiti b'EUR 600 000 u EUR 2,5 miljun huma sostitwiti b'EUR 2 700 000.

b) Fl-Artikolu 13, fir-rigward tad-definizzjoni ta' riskji kbar stabbilita fil-punt (27), taħt l-ittra (c):

— fis-subpunt (i), EUR 6,2 miljun huma sostitwiti b'EUR 6 600 000; u

— fis-subpunt (ii), EUR 12,8 miljun huma sostitwiti b'EUR 13 600 000.

c) Fl-Artikolu 129(1), il-punt (d) fir-rigward tal-limitu minimu assolut għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali Minimu:

— fis-subpunt (i), EUR 2 500 000 jinbidel b'EUR 2 700 000 u EUR 3 700 000 jinbidel b'EUR 4 000 000;

— fis-subpunt (ii), EUR 3 700 000 jinbidel b'EUR 4 000 000; u

— fis-subpunt (iii), EUR 3 600 000 jinbidel b'EUR 3 900 000 u EUR 1 200 000 jinbidel b'EUR 1 300 000.

L-ammonti riveduti għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri sa id-19 ta' Ottubru 2022.

---

([1]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).